**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 11 ta' Lulju, 2019

Rikors Numru: 176/19 AL

**A B**

Vs

**C D B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' A B li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi l-esponent jiddikjara illi l-partijiet fil-kawża de quo iżżewġu nhar it-tnax ta' Settembru, elf disa' mija tnejn u disgħin [12.09.1992] (ara ċertifikat taż-żwieġ anness u mmarkat Dok A);
2. Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġ t'itfal, bl-isem ta' E B u F B mwielda fit-13 ta' Settembru, 1994 u fl-20 ta' Jannar, 2000, bl-eta' ta' 25 u 20 sena rispettivament;

3. Illi l-partijiet sseparaw permezz  ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Cauchi nhar it-30 ta' Mejju, 2008 (ara kuntratt ta' separazzjoni personali anness u mmarkat Dok B) u filfatt ilhom ma jgħixu flimkien minn din id-data;

4. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante li minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin u saħansitra ffurmaw rabtiet ma' persuni oħrajn.

5. Illi l-partijiet ma jivversaw l-ebda manteniment fil-konfront ta' xulxin;

6. Illi l-intimat ma għandux l-obbligu li jivversa manteniment lill-uliedu stante li kemm E B u anke F B għandhom impjieg fuq bażi full time;

7. Illi l-partijiet m'għandhom l-ebda propjeta' in komuni;

8. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' April, 2019;

Rat illi l-intimata, fuq domanda tal-Qorti wieġbet li ma għandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur.

Rat l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti rnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jigi maħlul u dana peress illi pprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta’ Mejju 2008;

Illi r-rikorernti pprova illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqaċ t-talbiet, tippronunzja l-ħall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien xahar millum, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.